# Il-Qgħad Irreġistrat: Frar 2025

NR 058/2025 Data tal-Ħruġ: 04 ta' April 2025

*Fi Frar 2025, in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol kien ta' 1,075, tnaqqis ta' 21 persuna meta mqabbel mal-istess xahar fl-2024.*



Tagħrif ta' Jobsplus juri li, sena għal sena, fi Frar 2025 kien hemm tnaqqis ta' 15-il persuna fl-Ewwel Parti tar-Reġistru tal-Qgħad u tnaqqis ta' sitt persuni jirreġistraw fit-Tieni Parti tal-istess reġistru (Tabelli nri 5 u 8). Dawk fl-età ta' 45 sena jew aktar irreġistraw l-akbar tnaqqis fl-għadd tal-qiegħda, li jiġi daqs 54 persuna jew 11 fil-mija meta mqabbel ma' Frar 2024. L-irġiel kienu jgħoddu mat-68.1 fil-mija ta' dawk li kienu qegħdin jirreġistraw (Tabella nru 1).

Sena għal sena, kienet irreġistrata tnaqqisa ta' 44 persuna u żieda ta' 23 persuna fl-għadd ta' dawk li kienu ilhom jirreġistraw għal anqas minn 21 ġimgħa u għal bejn 21 u 52 ġimgħa, rispettivament. Min-naħa l-oħra, l-għadd ta' dawk li kienu fuq ir-reġistru għal iżjed minn sena baqa' l-istess (Tabella nru 2).

Fi Frar 2025, in-numru ta' persuni b'diżabbiltà li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol naqas bi tmienja meta mqabbel mas-sena ta' qabel, u kien ta' 220 persuna. L-irġiel kienu jgħoddu mas-76.8 fil-mija tagħhom (Tabella nru 3).

L-irġiel u n-nisa fuq ir-reġistru tal-qgħad kienu qed ifittxu l-aktar impjiegi ta' appoġġ klerikali, b'24.3 fil-mija u b'36.2 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Il-qgħad irreġistrat




Is-Suq tax-Xogħol

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

Ir-Rata tal-Qgħad: Frar 2025
L-Istħarriġ dwar il-Postijiet tax-Xogħol Vakanti (JVS): K4/2024
Ix-Xogħol Irreġistrat: Ottubru 2024
L-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol (LFS): K4/2024
Ir-Rata tal-Qgħad: Jannar 2025

Temi Oħra Relatati

Is-Saħħa

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:
labourmarket.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:
L-Indikaturi Magħżula.